



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 24.5.2018  
SWD(2018) 248 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**  
**SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

*Li jakkumpanja d-dokument*

**Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**  
**li temenda d-Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta'**  
**Settembru 2009**  
**dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-**  
**mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assicurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà**

{COM(2018) 336 final} - {SEC(2018) 248 final} - {SWD(2018) 247 final}

## Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv

Valutazzjoni tal-impatt fuq il-proposta tal-Kummissjoni għal emenda fid-Direttiva dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur

### A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni

#### Għaliex? X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata?

Wara evalwazzjoni tad-Direttiva dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur, li ġiet l-ewwel adottata fl-1972 u emendata diversi drabi, ġie konkluż li għalkemm id-Direttiva b'mod ġenerali taħdem tajjeb, żewġ aspetti kienu qed jinfluwenzaw b'mod negattiv l-effikaċja tagħha:

- In-nuqqas ta' protezzjoni għall-vittmi ta' inċidenti b'vetturi bil-mutur. Żewġ fatturi jikkontribwixxu għal dan:
  - L-ewwel nett, meta assigurat ta' vetturi bil-mutur isir insolventi qabel ma jħallas il-pretensjonijiet li jirriżultaw lid-detenturi tal-poloż tiegħu, ma hemmx regoli fil-livell tal-UE li jiżguraw ħlas malajr lill-vittmi, speċjalment meta l-assigurat jkun qed jipprovi assigurarazzjoni transfruntiera permezz tal-libertà li jipprovi servizzi. F'każijiet reċenti dwar insolvenzi bħal dawn, seħħ dewmien sinifikanti fil-ħlas ta' kumpens lil vittmi.
  - L-ammonti ta' kopertura minimi obligatorji għall-assigurarazzjoni ta' vetturi bil-mutur, stabbiliti f'din id-Direttiva sa mill-2005, ma humiex l-istess fl-Istati Membri kollha minħabba perjodi ta' referenza differenti, li ma għadhomx adegwati, għal diversi Stati Membri.
- Trattament differenzjali u aġir mhux ugwali li jaffettwaw b'mod negattiv lid-detenturi tal-poloż. F'dan il-każ hemm żewġ fatturi:
  - Meta detentur ta' polza jċaqlaq ir-residenza fi Stat Membru ieħor tal-UE, l-istorja tal-pretensjonijiet tiegħu (li bħala riżultat tikklassifikah b'"bonus, fin-nuqqas ta' talbiet" jew b'"bonus-malus") mhux dejjem tittieħed inkonsiderazzjoni mill-assiguraturi tal-vetturi bil-mutur fl-Istat Membru ta' residenza l-ġdid.
  - Livell għoli ta' sewqan mhux assigurat jirriżulta fi primjums tal-assigurarazzjoni oġġla għad-detenturi tal-poloż milli kieku ma jkunx il-każ (il-fondi ta' garanzija jiżguraw il-ħlas lill-vittmi f'każijiet bħal dawn, iżda dawn huma ffinanzjati minn imposta fuq il-poloż tal-assigurarazzjoni ta' vetturi bil-mutur, li jaffettwaw lid-detenturi tal-poloż).

Barra minn hekk, għadd ta' sentenzi reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea pprovdew kjarifiki importanti li jikkonfermaw il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (liema vetturi u liema sitwazzjonijiet huma suġġetti għall-obbligu li jkunu koperti b'assigurarazzjoni tal-vetturi bil-mutur). Għal dan is-suġġett l-għażla ta' politika proposta kienet il-kodifikazzjoni tal-każistika eżistenti u għalhekk taqa' barra l-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-valutazzjoni tal-impatt.

#### X'mistenni jinkiseb b'din l-inizjattiva?

L-inizjattiva hija mistennija li twassal għal livell għoli ta' protezzjoni għall-vittmi ta' inċidenti ta' vetturi bil-mutur u għal trattament ġust għad-detenturi tal-poloż tal-assigurarazzjoni tal-vetturi, speċjalment dawk li jkunu mobbli fl-Istati Membri.

#### X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?

Id-Direttiva tiproteġi lill-vittmi ta' inċidenti tat-triq fl-Istati Membri tal-UE li mhumiex dawk tar-residenza tagħhom u lill-vittmi domestiċi ta' inċidenti ikkawżat minn sewwieq minn Stat Membru ieħor. Il-miżuri previsti jistgħu jiġu adottati biss fil-livell tal-UE billi jikkonċernaw lill-assiguraturi transfruntiera attivi, lid-detenturi transfruntiera mobbli ta' poloż tal-assigurarazzjoni għal vetturi bil-mutur u l-kontrolli transfruntiera tal-assigurarazzjoni għall-vetturi bil-mutur.

### B. Soluzzjonijiet

#### X'għażliet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm xi għażla ppreferuta jew ma hemmx? Għaliex?

Billi d-Direttiva diġà teżisti, l-għażla tal-linja bażi fil-każijiet kollha kienet li fid-Direttiva ma ssir l-ebda tibdila. Barra minn hekk, ix-xenarju ta' referenza kompli jiġi ċċarat permezz ta' għadd ta' sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, dwar il-kamp ta' applikazzjoni, li huma kkodifikati fid-Direttiva.

Rigward l-insolvenza tal-assiguraturi, suġġett li bħalissa mhuwiex parti mid-Direttiva, għażla li ma ġietx aċċettata kienet li tiġi imposta r-responsabbiltà għall-kumpens tal-bidu lill-vittmi, iżda mhux ir-responsabbiltà aħħarija. L-opzjoni magħżula kienet li jiġu stipulati ż-żewġ responsabilitajiet, bir-responsabbiltà tal-bidu tkun fuq l-Istat Membru ta' residenza tal-vittma, u r-responsabbiltà aħħarija tkun fuq l-Istat Membru ta' stabbiliment tal-assigurat insolventi.

Fir-rigward tal-ammonti minimi ta' kopertura, għażla li ma ġietx aċċettata kienet li jiġu imposti ammonti oġġla obbligatorji għal vetturi ikbar bħalma huma t-trakkijiet u l-karozzi tal-linja. L-għażla ppreferuta hija li jiġu armonizzati l-ammonti fl-oġġla livell minimu obbligatorju li bħalissa qed jiġi applikat fl-Istati Membri.

Rigward l-istorja tal-pretensjonijiet, għażla li ma ġietx aċċettata kienet biex jiġi armonizzat biss il-mudell għar-rendikonti tal-istorja tal-pretensjonijiet, iżda mingħajr ma jiġi impost l-ebda trattament obbligatorju mill-assiguraturi għal rendikonti bħal dawn. L-opzjoni magħżula hija li jiġi armonizzat ir-rendikont tal-istorja tal-pretensjonijiet u fl-istess ħin li jiġi impost l-istess trattament għal dawn ir-rendikonti irrISPETTIVAMENT mill-Istat Membru ta' oriġini tad-detentur ta' polza.

Rigward is-sewqan mhux assigurat, għażla li ma ġietx aċċettata kienet biex isiru obbligatorji l-kontrolli diskreti tal-assigurazzjoni. L-opzjoni magħżula kienet li jiġu awtorizzati kontrolli bħal dawn (attwalment ipprojbiti) fuq bażi volontarja mill-Istati Membri.

### **Liema għażla u min jappoġġaha?**

Hemm appoġġ wiesa' mill-kategoriji tal-partijiet ikkonċernati kollha għal inizzjattiva tal-UE sabiex jiġi żgurat il-ħlas malajr ta' kumpens lill-vittmi ta' inċidenti f'każ ta' insolvenza ta' assiguratari ta' vetturi bil-mutur, speċjalment f'kuntest transfruntier. Il-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati jappoġġaw l-għażla li r-responsabilità finanzjarja aħħarija f'każijiet bħal dawn tkun fuq l-Istat Membru tad-domiċilju fejn hemm stabbilit l-assiguratatur tal-vetturi bil-mutur inkwistjoni.

Hemm appoġġ (fost il-partijiet ikkonċernati) biex jiġu armonizzati l-ammonti minimi ta' kopertura għall-assigurazzjoni tal-vetturi bil-mutur, sa livell oġġla, li diġà japplika f'bosta Stati Membri. Xi organizzazzjonijiet tal-konsumatur appoġġaw livell oġġla ta' kopertura obbligatorja għal vetturi ikbar, bħalma huma t-trakkijiet u l-kowċis, iżda dan kien oppost mis-settur tal-assigurazzjoni u mill-kumpaniji tal-ġarr bit-trakkijiet u tal-kowċis bħala mhux ġustifikat minn evidenza u li jikkawża spejjeż oġġla tal-assigurazzjoni li jiġu mgħoddija fuq il-konsumaturi aħħarija.

Rigward it-trasferibilità transfruntiera tad-dokumenti dwar l-istorja tal-pretensjonijiet, għadd ta' ċittadini individwali stqarrew l-esperjenzi negattivi tagħhom f'dan ir-rigward u sejnu għal intervent, sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini mobbli transfruntiera jiġu ttrattati bl-istess mod bħar-residenti eżistenti ta' Stat Membru fir-rigward tar-rendikonti tal-istorja tal-pretensjonijiet tagħhom. Is-settur tal-assigurazzjoni ma appoġġax obbligi vinkolanti fuq l-assiguratari f'dan ir-rigward, għax kienu sproporzjonati. Madankollu, xi organizzazzjonijiet tal-konsumatur appoġġaw l-armonizzazzjoni tar-rendikonti tal-istorja tal-pretensjonijiet kif ukoll klawżola ta' nondiskriminazzjoni li tipproteġi ċ-ċittadini li jċaqilqu r-residenza għal Stat Membru ieħor.

Rigward is-sewqan mhux assigurat, ma kienx hemm oppożizzjoni biex jiġu awtorizzati kontrolli diskreti tal-assigurazzjoni.

## **C. Impatti tal-għażla ppreferuta**

### **X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella dawk ewlenin)?**

1. Il-ħlas ta' kumpens rapidu u adegwat lill-vittmi, anki meta l-assiguratatur tal-vetturi bil-mutur isir insolventi, huwa l-benefiċċju ewleni tal-opzjonijiet magħżula.
2. Trattament aħjar għad-detenturi tal-poloz skont l-istorja tal-pretensjonijiet tagħhom, u possibbilment primjums aktar baxxi, jekk jonqos is-sewqan mhux assigurat.

### **X'inhuma l-ispejjeż tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella dawk ewlenin)?**

L-ispejjeż tal-alternattivi ppreferuti se jiżdiedu għall-assiguratari tal-vetturi bil-mutur. Dawn se jkollhom jikkontribwixxu biex il-korpi jikkumpensaw lill-vittmi f'każijiet ta' insolvenza tal-assiguratatur. Dan diġà huwa l-każ għall-biċċa l-kbira tal-assiguratari f'ħafna mill-Istati Membri, iżda mhux dejjem għall-assiguratari li jipprovdu assiguratari transfruntiera. Se jkollhom bżonn ukoll idañħlu fis-seħħ proċeduri biex jiżguraw li rendikonti tal-istorja tal-pretensjonijiet li joriġinaw fi Stat Membru ieħor jiġu ttrattati b'mod ugwali bħar-rendikonti tal-istorja tal-pretensjonijiet li joriġinaw fl-Istat Membru tagħhom stess.

### **Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?**

Il-proposta ma għandha l-ebda impatt speċifiku fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, għajr għal dawk li jkunu assiguratari jew detenturi ta' polza ta' vetturi bil-mutur. L-assiguratari tal-vetturi bil-mutur, inklużi dawk li huma SMEs, jfergħu l-ispejjeż indikati fil-kaxxa hawn fuq dwar l-ispejjeż. L-SMEs u l-mikrointrapriżi se jintlaqtu bħala operaturi ta' vetturi li jeħtieġu assiguratari. Jekk ikunu jinsabu fi Stati Membri fejn l-ammonti minimi ta' kopertura se jiġu riveduti f'it' il fuq, żidiet żgħar ħafna fil-primjums tal-assiguratari huma possibbli (dan huwa wkoll il-każ għad-detenturi ta' poloz individwali f'dawn l-Istati Membri).

### **Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?**

Mhu se jkun hemm l-ebda impatt fuq il-baġits nazzjonali, dejjem jekk Stat Membru ma jagħżilx li jagħmel kontrolli diskreti tal-assiguratari fuq vetturi li normalment jkunu bbażati fi Stat Membru ieħor, fejn ikun hemm bżonn tat-teknoloġija li tuża r-rikonossiment tal-panċa u l-iskambju tal-informazzjoni ma' Stati Membri oħra dwar l-istatus

tal-assigurazzjoni tal-vetturi. L-Istati Membri jkollhom jaħtru korp responsabbli għall-kumpens tal-vittmi f'każijiet ta' insolvenza transfruntiera tal-assiguraturi, madankollu huwa mistenni li dan se jkun kompitu addizzjonali għal korp eżistenti (jew fond ta' garanzija tal-assigurazzjoni ġenerali, jew il-fond ta' garanzija diġà meħtieġ mid-Direttiva għal każijiet ta' inċidenti kkawżati minn vetturi mhux assigurati jew mhux traċċabbli). L-ispejjeż se jiġu ffinanzjati permezz ta' kontribuzzjonijiet mill-assiguraturi tal-vetturi bil-mutur.

**Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?**

Ma huwa mistenni l-ebda impatt sinifikanti ieħor flief il-protezzjoni mtejbja għaċ-ċittadini, f'każ ta' inċidenti tat-traffiku, li ttiprovdi livell ogħla ta' fiduċja fl-għoti transfruntier ta' assigurazzjoni għal vetturi bil-mutur bħala parti mis-suq intern. Barra minn hekk, l-aċċettazzjoni u l-awtentikazzjoni aktar faċli tar-rendikonti tal-istorja tal-pretensjonijiet jkunu ta' benefiċċju għaċ-ċittadini li jċaqilqu r-residenza fl-UE.

**D. Segwitu**

**Meta se tiġi rieżaminata l-politika?**

Il-leġiżlazzjoni tippredvi l-evalwazzjoni tad-dispożizzjonijiet il-ġodda wara ħames snin ta' applikazzjoni.